**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 1774/2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nico Zarb)**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**Vs**

**Walid Ben Muftah**

**Illum 19 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Walid Ben Muftah**, ta' tlieta u tletin (33) sena, bin Faraj u Fatima Qukquk, imwieled Tripli, il-Libja, fis-17 ta' Awwissu 1991, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0117659A, talli fid-9 ta' Frar 2025, f'xi ħin bejn nofsinhar (12:00hrs) u s-siegħa ta' warafosinhar (13:00hrs), fil-Ħamrun u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli bejn l-10 ta' Diċembru 2024 u d-9 ta' Frar 2025, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jew fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi:

2. Naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Onor. Imħallef Neville Camilleri LL.D., fid-Digriet mogħti nhar l-14 ta' Mejju 2024, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

3. Għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza jew sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena stabbilita mil-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Walid Ben Muftah u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu, u dan ai termini ta' l-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, id-depożitu u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi kkonfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat; (iii) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Walid Ben Muftah sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "I";

Rat li meta mistoqsi x'jwieġeb għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti spjegatlu l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura mill-ammissjoni ta' ħtija tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli talli fid-9 ta' Frar 2025, f'xi ħin bejn nofsinhar (12:00hrs) u s-siegħa ta' warafosinhar (13:00hrs), fil-Ħamrun u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta; Kif ukoll talli bejn l-10 ta' Diċembru 2024 u d-9 ta' Frar 2025, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jew fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi: (2) Naqas milli jħares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Onor. Imħallef Neville Camilleri LL.D., fid-Digriet mogħti nhar l-14 ta' Mejju 2024, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija; (3) Għex ħajja ta' għażż u ta' vagabundaġġ, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 338(w) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4) U aktar talli huwa reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza jew sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu. Minkejja tali ammissjoni però l-Qorti teħtieġ tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward ta' l-addebitu tar-reċidiva mogħti mill-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni qed taddebita lill-imputat ir-reċidiva ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda jiġi osservat illi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-provvediment ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jsibx applikazzjoni in kwantu dana huwa marbut mar-reat ta' serq u f'dan il-każ l-imputat ma huwiex qed jiġi mixli b'reat/reati ta' serq. B'hekk l-imputat jista', u għandu fid-dawl ta' l-ammissjoni tiegħu, jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, iżda in kwantu rigwarda r-reċidiva, huwa għandu jitqies bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux ukoll ta' l-Artikolu 289 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ikkunsidrat ukoll li għall-finijiet ta' piena, l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih u li hemm il-konkors ta' reati u pieni ai termini ta' l-Artikolu 17(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta bejn it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u t-tielet imputazzjoni dedotta kontriha, u li fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat hemm ir-reat kontinwat ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(d), 18, 31, 49, 50, 338(w) u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tqis ukoll li huwa reċidiv ai termini ta' l-imsemmija Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk tikkundannah għall-perijodu ta' sena (1) priġunerija effettiva. In oltre l-Qorti tordna il-konfiska tas-somma ta' mitjen Euro (€200) mill-garanzija personali ta' ħamest elef Euro (€5,000) imposta fuq l-imputat għall-finijiet ta' Ħelsien mill-Arrest bid-Digriet tal-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Neville Camilleri, datat 14 ta' Mejju 2024.

Mill-perijodu ta' sena (1) priġunerija effettiva hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel miżmum taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni u tordna r-revoka *contrario imperio* tad-Digriet għall-Ħeslien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Neville Camilleri fl-14 ta' Mejju 2024, kif ukoll ta' kull Digriet ta' varjazzjoni għal tali Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest, u tordna l-arrest mill-ġdid b'effett immedjat ta' l-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska tas-sikkina li ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni fl-Evidence Bag Numru LC00023876 markat Dok. "I" u ai termini ta' l-Artikolu 57 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi liċenzja taħt l-Att Dwar l-Armi, Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, għal perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**